



Brussell, 25 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15205/22

LIMITE

EJUSTICE 92
JURINFO 14
JAI 1544
JUSTCIV 160
COPEN 406
CODEC 1833

Fajls Interistituzzjonali:
2021/0394(COD)
2021/0395(COD)

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, id-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2002/465/ĠAI, 2002/584/ĠAI, 2003/577/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI, 2009/829/ĠAI u 2009/948/ĠAI, u d-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat:
 - proposta għal Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (proposta għal Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja), u

- proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, id-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2002/465/ĠAI, 2002/584/ĠAI, 2003/577/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI, 2009/829/ĠAI u 2009/948/ĠAI, u d-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (proposta għal Direttiva dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja).

2. Dawn kollha kienu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt.

II. SFOND

A. PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT DWAR ID-DIĠITALIZZAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA

3. Ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza u r-reżiljenza tal-flussi tal-komunikazzjoni inerenti għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħra f'każijiet transfruntieri tal-UE.
4. Ir-Regolament jipprovdi regoli għal:
- l-istabbiliment tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew, li jinsab fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, li ser jintuża bħala punt uniku ta' servizz għal proċeduri ġudizzjarji transfruntieri,
 - l-aċċettazzjoni ta' komunikazzjoni elettronika minn persuni fiżiċi u ġuridiċi fi proċeduri ġudizzjarji,
 - l-użu ta' vidjokonferenzi jew teknoloġija oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod fi proċedimenti ċivili u kummerċjali transfruntieri,
 - l-użu ta' vidjokonferenzi jew teknoloġija oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod f'materji kriminali, għas-smigħ ta' persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata u għas-smigħ tat-tfal permezz ta' vidjokonferenza jew teknoloġija oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod,

- l-użu ta' servizzi fiduċjarji (firem u siġilli elettroniċi),
 - l-aċċettazzjoni ta' dokumenti elettroniċi, minkejja l-forma elettronika tagħhom, u
 - il-ħlas tat-tariffi permezz ta' mezzi elettroniċi.
5. Din il-proposta ser tiggarrantixxi approċċ komuni lejn l-użu ta' teknoloġiji moderni fil-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja transfruntieri, billi tipprovdi qafas għall-użu tal-ITC fil-qafas tal-Ġustizzja, fil-livell tal-UE.

B. PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA DWAR ID-DIĠITALIZZAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA

6. Il-proposta għandha l-għan li timmodifika diversi direttivi u deċiżjonijiet qafas dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali, sabiex tallinjahom mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja (2021/0394 (COD)).

III. ĦIDMA FIL-LIVELL TA' GRUPPI TA' ĦIDMA

A. PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT DWAR ID-DIĠITALIZZAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA

7. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġustizzja elettronika ffoka fuq definizzjoni aħjar tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta taħt il-Presidenza Franċiża, bil-preżentazzjoni ta' test ta' kompromess li jemenda l-ewwel artikoli fil-bidu tal-Presidenza Ċeka.
8. Matul il-Presidenza Ċeka, il-proposta ġiet emendata bl-għan li tipprovdi qafas aħjar għall-implimentazzjoni futura tal-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew (EEAP) u servizzi anċillari għall-vidjokonferenzi, il-ħlas tat-tariffi tal-qorti u l-komunikazzjoni permezz ta' dokumenti elettroniċi.

9. B'mod partikolari, id-delegazzjonijiet kienu talbu inventarju aktar dettaljat tal-funzjonalitajiet tal-EEAP, kif ukoll ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, ġie introdott approċċ aktar bir-reqqa għall-organizzazzjoni ta' vidjokonferenzi matul proċedimenti ċivili, kummerċjali jew kriminali, flimkien ma' qafas aktar robust għas-servizzi elettroniċi, bħall-firem u s-siġilli elettroniċi għad-dokumenti li għandhom jiġu trazzmessi lill-awtoritajiet għudizzjarji. Id-delegazzjonijiet żguraw ukoll li l-prattikanti involuti f'ċerti tipi ta' proċedimenti, bħall-insolvenza, jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta.
10. Il-Grupp ta' Ħidma fil-format tiegħu tal-Kunsillieri ĠAI ffinalizza t-test fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Novembru. Il-Presidenza mbagħad ikkunsidrat li t-test kien lest biex jiġi ppreżentat lill-Coreper u lill-Kunsill għal approċċ ġenerali.

B. PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA DWAR ID-DIĠITALIZZAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA

11. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġustizzja elettronika ħadem fuq il-proposta taħt il-Presidenza Ċeka, billi ffoka fuq il-konsistenza tagħha ma' strumenti oħra, inkluż ir-Regolament propost dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja kif emendat matul id-diskussjonijiet. Il-Presidenza tikkunsidra li t-test huwa lest biex jiġi ppreżentat lill-Coreper u lill-Kunsill għal approċċ ġenerali.

IV. KONKLUŻJONI

12. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq,

- il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden jikkonferma l-qbil dwar it-testi tal-approċċ ġenerali għal
 - a) Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja, kif jinsab fid-dokument 15139/22, u
 - b) Direttiva dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja, kif tinsab fid-dokument 15138/22, u
- jirrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali għal Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja, kif jinsab fid-dokument 15139/22, u għal Direttiva dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja, kif tinsab fid-dokument 15138/22, u
- il-Kunsill huwa mistieden jilħaq approċċ ġenerali dwar dawn iż-żewġ testi, li mbagħad ser jiformaw il-bażi għan-negozjati mal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja (Artikolu 294 TFUE).